**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 83/2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Wayne Rodney Borg)**
**(Spettur Andy Rotin)**

**Vs**

**Josef Mary Farrugia**

**Illum 19 ta' April 2023**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' **Josef Mary Farrugia**, bin Gaetano Farrugia u Dorothy neè Micallef, imwieled il-Pietà nhar l-1 ta' Settembru 1981, residenti ġewwa 57, Briar Crt, 5B, Triq il-Qarsajja, Attard, u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 503381(M), talli bejn Jannar u Diċembru tas-sena elfejn tnejn u għoxrin (2022), f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti, ukoll jekk fi żminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Iffalsifika ċedula, polza, ordni, jew dokumenti oħra, illi meta jiġu preżentati wieħed jista' jirċievi bihom ħlas, jew jieħu l-kunsinna ta' oġġetti, jew jiġbor depożitu jew rahan minn uffiċju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku ieħor imwaqqaf jew magħruf b'xi att pubbliku tal-Gvern;

2. U aktar talli xjentement għamel użu minn waħda mill-karti msemmijin;

3. U aktar talli għamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pbbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħoloq pattijiet, dispożizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi daħħal dawn il-pattijiet, dispożizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu ġew iffurmati, inkella billi żied jew biddel klawsoli dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

4. U aktar talli xjentement għamel użu minn att, kitba jew skrittura falza;

5. U aktar talli sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub ghal xi awtorità pubblika, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta tagħrif falz;

6. U aktar talli bil-ħsieb li jagħmel delitt ta' frodi, b'għemil qarrieqi, wera dan il-ħsieb b'atti esterni billi b'mezzi kontra l-Liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex jġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex qanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika sabiex jagħmel qligħ bi ħsara tad-Dipartiment tas-Sigurta Soċjali, il-Gvern ta' Malta u/jew xi entita u/jew entitajiet oħra, ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali w indipendenti mill-volontà tiegħu;

7. U aktar talli bil-ħsieb li jagħmel delitt ta' qligħ b'qerq bi ħsara ta' ħaddieħor u cioè bi ħsara tad-Dipartiment tas-Sigurta Soċjali, il-Gvern ta' Malta u/jew xi entita u/jew entitajiet oħra, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali w indipendenti mill-volontà tiegħu;

8. U aktar talli kellu fil-pussess jew kellu taħt il-kontroll tiegħu xi oġġetti għall-użu fit-twettiq jew f'konnessjoni ma' xi frodi;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' sejbien ta' ħtija, il-Qorti tikkundanna lil **Josef Mary Farrugia** għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' Esperti jew Periti fil-proċeduri, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni a fol. 5 sa' 7 tal-proċess;

Rat li inizjalment l-imputat wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu[1] iżda, in segwitu, senjatament fis-seduta tat-22 ta' Marzu 2023[2], l-imputat irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu, liema ammissjoni ġiet minnu kkonfermata wara li ai termini ta' l-Artikolu 392A(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti wissietu bl-iktar mod solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' l-ammissjoni tiegħu u tatu biżżejjed żmien biex jerġa' jirrikonsidraha u jerġa' lura minnha;

Semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Wayne Borg mogħtija waqt is-seduta tas-27 ta' Frar 2023[3] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "WBA1" u Dok. "WBA2" a fol. 16 u 17 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' George Cremona, in rappreżentanza ta' Income Support & Compliance Division fi ħdan id-Dipartiment tas-Sigurta Soċjali, mogħtija waqt is-seduti tas-27 ta' Frar 2023[4] u tat-22 ta' Marzu 2023[5] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "GCB" a fol. 25 sa' 38 tal-proċess;

---

[1] Vide Eżami ta' l-imputat a fol. 11 tal-proċess.
[2] Fol. 22 tal-proċess.
[3] Fol. 12 sa' 15 tal-proċess.
[4] Fol. 18 sa' 21 tal-proċess.
[5] Fol. 23 u 24 tal-proċess.

Semgħet is-sottomissjonijiet da parte tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża dwar il-piena u ħadet konjizzjoni tal-fatt li l-partijiet qablu li l-imputat ma pprečepixxa l-ebda benefiċċju;

Semgħet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li d-dokumenti esebiti huma meħtieġa fi proċeduri kontra terzi;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi mixli talli bejn Jannar u Diċembru tas-sena elfejn tnejn u għoxrin (2022), f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti, ukoll jekk fi żminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda: (1) iffalsifika ċedula, polza, ordni, jew dokumenti oħra, illi meta jiġu preżentati wieħed jista' jirċievi bihom ħlas, jew jieħu l-kunsinna ta' oġġetti, jew jiġbor depożitu jew rahan minn uffiċju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku ieħor imwaqqaf jew magħruf b'xi att pubbliku tal-Gvern; (2) u aktar talli xjentement għamel użu minn waħda mill-karti imsemmijin; (3) u aktar talli għamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pbbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħoloq pattijiet, dispożizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi daħħal dawn il-pattijiet, dispożizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu ġew iffurmati, inkella billi żied jew biddel klawsoli dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw; (4) u aktar talli xjentement għamel użu minn att, kitba jew skrittura falza; (5) u aktar talli sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub ghal xi awtorità pubblika, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta tagħrif falz; (6) u aktar talli bil-ħsieb li jagħmel delitt ta' frodi, b'għemil qarrieqi, wera dan il-ħsieb b'atti esterni billi b'mezzi kontra l-Liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex jġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex qanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika sabiex jagħmel qligħ bi ħsara tad-Dipartiment tas-Sigurta Soċjali, il-Gvern ta' Malta u/jew xi entita u/jew entitajiet oħra, ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali w indipendenti mill-volontà tiegħu; (7) u aktar talli bil-ħsieb li jagħmel delitt ta' qligħ b'qerq bi ħsara ta' ħaddieħor u cioè bi ħsara tad-Dipartiment tas-Sigurta Soċjali, il-Gvern ta' Malta u/jew xi entita u/jew entitajiet oħra, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali w indipendenti mill-volontà tiegħu; (8) u aktar talli kellu fil-pussess jew kellu taħt il-kontroll tiegħu xi oġġetti għall-użu fit-twettiq jew f'konnessjoni ma' xi frodi.

Inizjalment l-imputat wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu iżda imbagħad, fis-seduta tat-22 ta' Marzu 2023, huwa rreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu.

F'dawn il-proċeduri laħqu xehdu l-Ispettur Wayne Borg[6] u George Cremona[7], in rappreżentanza ta' Income Support & Compliance Division fi ħdan id-Dipartiment tas-

[6] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-27 ta' Frar 2023, fol. 12 sa' 15 tal-proċess.
[7] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-27 ta' Frar 2023, fol. 18 sa' 21 tal-proċess u xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-22 ta' Marzu 2023, fol. 23 u 25 tal-proċess.

Sigurta Soċjali, illi entrambe spjegaw, anke tramite dokumenti esebiti[8], iċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, xi skatta l-investigazzjonijiet fil-konfront ta' l-imputat (u oħrajn) u x'kien l-eżitu ta' l-investigazzjonijiet fil-konfront ta' l-istess imputat. Jirriżulta li l-imputat kien issottometta applikazzjoni mad-Dipartiment tas-Sigurta Soċjali għall-benefiċċju ta' Severe Disability, fil-każ speċifiku l-epilessija. Irriżulta li d-dokumentazzjoni sottomessa lid-Dipartiment tas-Sigurta Soċjali kienet falza u mbagħbsa. Apparte minnhekk, min ikun ibagħti bil-kundizzjoni ta' l-epilessija ma jistax isuq, filwaqt li irriżulta li l-imputat mhux talli kien u baqa' jsuq, talli jaħdem bit-taxi. L-Ispettur Borg xehed illi *meta s-Sigurta Soċjali għaddewlna l-investigazzjoni, dan kien għadu jmur ġewwa s-Sigurta Soċjali jistaqsi għalfejn ma ħariġx il-benefiċċju tiegħu, fejn jien infurmajt lis-Sigurta Soċjali sabiex ma joħorġulux il-benefiċċju u dan biex ovvjament ma jitressaqx bi frodi imma f'dan l-istadju jitressaq b'attenat.* George Cremona ikkorobora dak affermat mill-Ispettur Wayne Borg fir-rigward ta' frodi u/jew attentat ta' frodi a dannu tad-Dipartiment tas-Sigurta Soċjali da parte ta' diversi persuni, fosthom l-imputat. Ikkonferma wkoll li għalkemm l-imputat issottometta applikazzjoni għall-benefiċċju ta' Severe Disability, huwa ma ħa l-ebda benefiċċju stante li l-applikazjzoni tiegħu ġiet imwaqqfa fid-dawl ta' l-investigazzjonijiet li kienu għaddejjin.

Fid-dawl ta' dawn il-provi u anke fid-dawl ta' l-ammissjoni ta' l-imputat għall-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu, il-Qorti tqis li għandha, entro l-parametri kif spjegati iktar 'l isfel f'din is-sentenza, issib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li bihom qed jiġi mixli l-imputat u li tagħhom huwa qed jiddikjara li huwa ħati, iżda ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li huwa rreġistra ammissjoni fi stadju relattivament bikri tal-proċeduri. Apparte minn hekk ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li t-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat hija alternattiva għall-ewwel imputazzjoni dedotta kontrih, ir-raba' imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat hija alternattiva għat-tielet imputazzjoni dedotta kontrih u li s-seba' imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat hija alternattiva għas-sitt imputazzjoni dedotta kontrih.

Għaldaqstant, filwaqt li qed tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni, ir-raba' u s-seba' imputazzjoni dedotti fil-konfront ta' l-imputat in kwantu huma alternattivi għall-ewwel, it-tielet u s-sitt imputazzjoni rispettivament dedotti fil-konfront tiegħu, wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 17(h), 18, 31, 41(1)(a), 167(1), 183, 188(1), 308 u 310BA tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed issib lill-imputat, anke fuq ammissjoni tiegħu stess, ħati ta' l-ewwel, it-tielet, il-ħames, is-sitt u t-tmien imputazzjoni dedotti fil-konfront tiegħu u tikkundannah għall-perijodu ta' tlettax-il (13) xahar priġunerija iżda, billi l-Qorti hija tal-fehma li f'dan il-każ hemm raġunijiet li jagħtu lok għas-sospensjoni tal-piena karċerarja hawn imposta fuq l-imputat, senjatament il-fatt li l-imputat irreġistrat ammissjoni fi stadju relativament bikri tal-proċeduri, a tenur ta' l-Artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, tissospendi it-terminu ta' tlettax-il (13) xahar priġunerija hawn impost fuq l-imputat għal sentejn (2) b'effett mid-data ta' din is-sentenza.

A tenur ta' l-Artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar ir-responsabilità tiegħu taħt l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta

[8] Dokumenti esebiti min George Cremona a fol. 25 sa' 38 tal-proċess.

jekk huwa jikkommetti, matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza, reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.

Peress illi l-oġġett/i utilizzati mill-imputat fit-twettiq u l-kummissjoni tal-fordi lilu imputata u ammessa huma meħtieġa bħala prova fi proċeduri oħra kontra terzi, il-Qorti mhux qed tordna l-konfiska ta' l-istess imsemmija oġġett/i.

Peress illi f'dawn il-proċeduri ma ġewx nominati Epserti u/jew Periti, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ai termini ta' l-Artikolu 392A(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**